A.L. 223 ta' l-2001

ATT TA' L-2001 DWAR IL-HARSIEN TA' L-AMBJENT (ATT NRU. XX TA' L-2001)

Regolamenti ta' l-2001 dwar Skart mill-Industrija tad-Dijossidu tat-Titanju

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3, 9, 11 u 28 ta' l-Att ta' l-2001 dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent, il-Ministru ta' l-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2001 dwar Skart mill-Industrija tad-Dijossidu tat-Titanju.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-ambjent jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal disposizzjonijiet differenti u għanijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Avviż magħmul skond is-subregolament (2) ta' dawn ir-regolamenti jista' jagħmel dawk id-disposizzjonijiet transitorji li jkunu jidħru lill-Ministru li jkunu meħtieġa jew spedjenti in konnessjoni mad-disposizzjonijiet li jkunu qed jingiebu fis-seħħ.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:-

"ambjenti milquta" tfisser l-ilma, il-wiċċ ta' l-art u l-istrati ta' taħt l-art u l-arja fejn, jew li fihom, jiġi mormi, maħżun, mitfugħ jew inserit skart mill-industrija tad-dijossidu tat-titanju;

"awtorità kompetenti" tfisser id-Dipartiment għall-Ħarsien ta' l-Ambjent taħt id-direzzjoni tad-Direttur għall-Ħarsien ta' l-Ambjent u tali korp jew persuna oħra li l-Ministru responsabbli għall-ambjent jista' b'ordni fil-Gazzetta jippreskrivi u korpi jew persuni differenti jistgħu jiġu hekk imsemmija bħala l-awtorità kompetenti għal disposizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti;

"awtorizzazzjoni" tfisser liċenza;

"post mnejn jittieħdu kampjuni" tfisser il-punt minn fejn jittieħdu l-kampjuni;

"skart" tfisser:

(a) kull fdal mill-proċess ta' manifattura tad-dijossidu tat-titanju li detentur jarmi jew ikun obbligat jarmi taħt il-liġi nazzjonali viġenti;

(b) kull fdal minn proċess ta' trattament ta' fdal imsemmi fil-paragrafu (a) ta' din it-tifsira;

"stabbilimenti industrijali eżistenti" tfisser dawk l-istabilimenti industrijali li jkunu diġà stabbiliti fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti;

"stabbilimenti industrijali ġodda" tfisser dawk l-istabbilimenti industrijali li jkunu fil-proċess li jitwaqqfu fid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti jew li jitwaqqfu wara dik id-data. Estensjonijiet għal stabbilimenti industrijali eżistenti li jwasslu għal żjieda ta' 15,000 tunnellata fis-sena jew aktar bħala kapaċità ta' produzzjoni ta' dijossidu tat-titanju fis-sit ta' l-istabbiliment involut, għandhom jiġu kkunsidrati bħala stabbilimenti industrijali ġodda;

"tneħħija" tfisser:

(a) il-ġbir, separazzjoni, trasport u trattament ta' skart kif ukoll il-ħażna u t-tqegħid tiegħu fuq l-art jew taħt l-art u l-injezzjoni tiegħu ġo l-art;

(b) l-iskargar tiegħu fl-ilma tal-wiċċ, fl-ilma taħt l-art u fil-baħar, u rimi fil-baħar;

(ċ) l-operazzjonijiet ta' trasformazzjoni neċessarji sabiex jiġi użat mill-ġdid, irkuprat jew riċiklat;

"tniġġis" tfisser l-iskargar mill-bniedem, b'mod dirett jew indirett, ta' kull fdal mill-proċess ta' manifattura tad-dijossidu tat-titanju fl-ambjent, bir-riżultat li dan jikkaġuna perikli għas-saħħa tal-bniedem, dannu lil riżorsi ħajjin u ekosistemi, ħsara lil faċilitajiet jew interferenza ma' kull użu leġittimu ieħor ta' l-ambjent involut;

Eliminazzjoni ta' l-iskart.

3. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura l-prevenzjoni u t-tnaqqis progressiv, bil-għan li jiġi eliminat it-tniġġis ikkaġunat mill-iskart.

Rimi ta' skart.

4. L-iskart għandu jintrema mingħajr ma jipperikola s-saħħa tal-bniedem u mingħajr ma jikkaġuna ħsara lill-ambjent, u b'mod partikolari:

(a) mingħajr riskju għall-ilma, l-arja, l-ħamrija u l-pjanti, u għall-annimali;

(b) mingħajr ma jaffettwa ħażin postijiet ta' sbuħija naturali jew il-kampanja.

Riċiklaġġ, ipproċessar, użu mill-ġdid, eċċ. ta' l-iskart.

5. L-awtorità kompetenti għandha tinkoraġġixxi l-prevenzjoni, r-riċiklaġġ u l-ipproċessar ta' l-iskart, u kull proċess ieħor għall-użu mill-ġdid ta' l-iskart.

Awtorizzazzjoni għar-rimi eċċ. ta' l-iskart.

6. (1) L-iskargar, ir-rimi, il-ħażna, it-tqegħid u l-injettar ta' l-iskart għandu jkun projbit kemm-il darba ma tinħariġx awtorizzazzjoni bil-quddiem mill-awtorità kompetenti.

(2) L-awtorizzazzjoni bil-quddiem għandha wkoll tinħareġ mill-awtorità kompetenti ta' Stat li:

(a) fit-territorju tiegħu jsir l-iskargar, ħżin, tqegħid jew injettament ta' l-iskart;

(b) mit-territorju tiegħu l-iskart jiġi skargat jew mormi.

(3) Tista' tingħata awtorizzazzjoni għal perjodu limitat biss.

(4) Awtorizzazzjoni tista' tiġġedded.

Għoti ta' awtorizzazzjoni.

7. Fil-każ ta' skargar jew ta' rimi, l-awtorità kompetenti tista', skond ir-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti u abbażi ta' l-informazzjoni mogħtija skond l-Anness I ma' dawn ir-regolamenti, tagħti l-awtorizzazzjoni msemmija fir-regolament 6 ta' dawn ir-regolamenti sakemm:

(a) l-iskart ma jkunx jista' jitneħħa b'mezzi aktar adatti;

(b) stima magħmula skond il-konoxxenza xjentifika u teknika disponibbli tkun turi li mhux se jkun hemm effett ħażin, sew immedjat sew fit-tul, fuq l-ambjent ta' l-ilma;

(ċ) ma jkunx hemm effetti ħżiena fuq l-użu ta' l-opri tal-baħar, is-sajd, attivitajiet ta' divertiment, l-estrazzjoni ta' minerali mhux maħduma, id-desalinizzazzjoni, it-trobbija tal-ħut u frott tal-

baħar (*shellfish)* fuq reġjuni ta' importanza xjentifika speċjali jew fuq kull użu ieħor legittimu ta' l-ilmijiet inkwistjoni.

Ħażna, eċċ. ta' skart.

8. Fil-każ ta' ħażna, tqegħid jew injettament, l-awtorità kompetenti tista', skond l-artikolu 4 ta' dawn ir-regolamenti, u abbażi ta' l-informazzjoni mogħtija skond l-Anness I, tagħti l-awtorizzazzjoni msemmija fir-regolament 6 ta' dawn ir-regolamenti, sakemm:

(a) l-iskart ma jkunx jista' jitneħħa b'mezzi aktar adatti;

(b) stima magħmula skond il-konoxxenza xjentifika u teknika disponibbli tkun turi li mhux se jkun hemm effett dannuż, sew immedjat sew fit-tul, fuq l-ilma ta' taħt l-art, il-ħamrija jew l-atmosfera;

(ċ) ma jkunx hemm effetti ħżiena fuq attivitajiet ta' divertiment, l-estrazzjoni ta' minerali mhux maħduma, il-pjanti, l-annimali, reġjuni ta' importanza xjentifika speċjali jew fuq kull użu ieħor legittimu ta' l-ambjent inkwistjoni.

Sorveljar ta' l-iskargar eċċ. ta' l-iskart.

9. (1) Irrispettivament mill-metodu u l-qies tat-trattament li jingħata lill-iskart inkwistjoni, l-iskargar, rimi, ħażna, tqegħid u injettament ta' l-iskart għandu jsir flimkien mas-sorveljar imsemmi fl-Anness II ta' l-iskart u ta' l-ambjent inkwistjoni filwaqt li jitqiesu l-aspetti fiżiċi, kimiċi, bijoloġiċi u ekoloġiċi ta' dan.

(2) L-operazzjonijiet ta' sorveljar għandhom isiru perjodikament minn xi korp wieħed jew aktar li jiġu maħtura mill-awtorità kompetenti li tkun ħarġet l-awtorizzazzjoni msemmija fir-regolament 6 ta' dawn ir-regolamenti. Fil-każ ta' tniġġis transkonfini bejn Stati, il-korp inkwistjoni għandu jiġi maħtur konġuntement bejn il-partijiet involuti.

Miżuri ta' rimedju.

10. (1) L-awtorità kompetenti għandha tieħu dawk il-passi kollha xierqa biex tirrimedja għal xi waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin u, jekk ikun meħtieġ, għandha teħtieġ is-sospensjoni ta' l-operazzjonijiet ta' skargar, rimi, ħażna, tqegħid jew injettament:

(a) jekk ir-riżultati tas-sorveljar li hemm provdut dwarhom fl-Anness II(A)(1) ikunu juru li l-kondizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni bil-quddiem imsemmija fir-regolamenti 6, 7 u 8 ma jkunux twettqu, jew

(b) jekk ir-riżultati tat-testijiet ta' tossiċità akuta msemmija fl-Anness II(A)(2) ikunu juru li l-limiti hemmhekk imposti jkunu nqabżu, jew

(ċ) jekk ir-riżultati tas-sorveljar li l-awtorità kompetenti hija obbligata li tagħmel fuq l-ambjent involut ikunu jindikaw deterjorazzjoni fl-area li tkun qed tiġi kkunsidrata, jew

(d) jekk l-iskargar jew ir-rimi jipproduċi effett ħażin fuq l-użu ta' l-opri tal-baħar, is-sajd, attivitajiet ta' divertiment, l-estrazzjoni ta' minerali mhux maħduma, d-desalinizzazzjoni, t-trobbija tal-ħut u ta' frott tal-baħar (*shellfish*), fuq reġjuni ta' importanza xjentifika speċjali jew fuq kull użu legittimu ieħor ta' l-ilmijiet inkwistjoni, jew

(e) jekk il-ħażna, tqegħid jew injettament jipproduċu effett ħażin fuq attivitajiet ta' divertiment, l-estrazzjoni ta' minerali mhux maħduma, l-pjanti, l-annimali, reġjuni ta' importanza speċjali xjentifika jew fuq kull użu leġittimu ieħor ta' l-ambjent inkwistjoni.

(2) Jekk ikunu involuti aktar minn Stat wieħed, il-miżuri għandhom jittieħdu wara konsultazzjoni.

Programm għall-eliminazzjoni ta' skart.

11. (1) L-awtorità kompetenti għandha tħejji programmi għat-tnaqqis progressiv u eliminazzjoni eventwali ta' tniġġis kaġunat minn skart ġej minn stabbiliment industrijali eżistenti.

(2) Il-programmi msemmija fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament għandhom jistabbilixxu prospettivi ġenerali għat-tnaqqis tat-tniġġis minn skart likwidu, solidu u gassuż.

(3) Il-programmi għandhom ukoll ikun fihom objettivi intermedji u informazzjoni dwar l-istat ta' l-ambjent involut, miżuri biex jitnaqqas it-tniġġis u metodi għat-trattament ta' l-iskart li huwa kaġunat direttament mill-proċessi ta' manifattura.

Kontenut tal-programmi.

12. Il-programmi msemmija fis-subregolament (1) tar-regolament 11 ta' dawn ir-regolamenti għandhom ikopru l-istabbilimenti industrijali kollha eżistenti u għandhom jindikaw il-miżuri li jkunu jridu jittieħdu fil-konfront ta' kull wieħed minnhom.

Stabbilimenti industrijali ġodda.

13. Stabbilimenti industrijali ġodda jkunu suġġetti li japplikaw għand l-awtorità kompetenti sabiex jingħataw awtorizzazzjoni bil-quddiem. Dawk l-awtorizzazzjonijiet għandhom jiġu preċeduti minn stimi dwar l-impatt fuq l-ambjent. Għandhom jingħataw biss lil ditti li jiggarantixxu li jużaw biss kull tali materjal, proċess u teknika disponibbli fis-suq u li jkunu jagħmlu lanqas ħsara lill-ambjent.

Osservazzjoni u sorveljar.

14. Il-proċeduri għall-osservazzjoni u s-sorveljar ta' kull ambjent fejn ikun hemm skart mill-industrija tad-dijossidu tat-titanju msemmija fir-regolament 9, għandhom jiġu regolati bid-disposizzjonijiet tar-regolamenti 14 sa 21 ta' dawn ir-regolamenti.

Rapport ta' kull tliet snin.

15. L-awtorità kompetenti għandha tħejji rapport f'intervalli ta' kull tliet snin fuq l-implementazzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

Parametri applikabbli għall-osservazzjoni u s-sorveljar.

16. (1) Il-parametri applikabbli għall-osservazzjoni u s-sorveljar imsemmija fir-regolament 14 ta' dawn ir-regolamenti, huma speċifikati fl-Annessi III sa VII ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Meta xi parametru jkun jidher fil-kolonna magħrufa bħala "*mandatory determination*" fl-Annessi III sa VII ta' dawn ir-regolamenti, it-teħid u l-analiżi tal-kampjuni għandhom isiru fil-każ tal-komponenti ambjentali indikati.

(3) Meta xi parametru jkun jidher fil-kolonna magħrufa bħala "*optional determination*" fl-Annessi III sa VII ta' dawn ir-regolamenti, l-awtorità kompetenti għandha, jekk tqis li jkun hekk meħtieġ, tara li t-teħid u l-analiżi tal-kampjuni jsiru għal dawk il-komponenti ambjentali indikati.

Osservazzjoni u sorveljar ta' żona fil-viċin.

17. (1) L-awtorità kompetenti għandha tosserva u tissorvelja l-ambjenti milquta u ta' xi żona fil-viċin li titqies li ma tkunx milquta, filwaqt li jittieħed kont speċjali tal-fatturi ambjentali lokali u tal-mod kif isir ir-rimi, sew jekk dan ikun intermittenti jew kontinwu.

(2) Sakemm ma jiġix xort'oħra speċifikat fl-Annessi III sa VII ta' dawn ir-regolamenti, l-awtorità kompetenti għandha tiddetermina minn każ għal każ is-siti eżatti minn fejn għandhom jittieħdu l-kampjuni, id-distanza ta' dawn is-siti mill-punt ta' skargar tal-materjal ta' tniġġis l-aktar viċin u l-fond jew l-għoli mnejn għandhom jittieħdu l-kampjuni. Il-kampjuni għandhom jittieħdu mill-istess lokalità u fond u taħt l-istess kondizzjonijiet fil-kors ta' operazzjonijiet ta' teħid ta' kampjuni li jsiru wara.

(3) L-awtorità kompetenti għandha tiddetermina l-frekwenza tat-teħid u l-analiżi tal-kampjuni għal kull parametru minn dawk imsemmija fl-Annessi III sa VII ta' dawn ir-regolamenti. Fil-każ tal-parametri fejn id-determinazzjoni tkun waħda mandatorja, il-frekwenza tat-teħid u l-analiżi tal-kampjuni m'għandhiex tkun anqas mill-minimu ta' frekwenzi indikati fl-Annessi III sa VII ta' dawn ir-regolamenti:

Iżda jekk l-awtorità kompetenti tqis li jkun hekk meħtieġ, hija tista' tiddistingwi bejn parametri differenti, billi tapplika dan is-

subregolament għal dawk il-parametri fejn ma tkun ġiet mkejjla ebda deterjorazzjoni sinifikattiva fil-kwalità ta' l-ambjent.

Metodi ta' referenza dwar il-kejl.

18. (1) Il-metodi ta' referenza dwar il-kejl sabiex jiġu determinati l-valuri parametriċi, jinsabu speċifikati fl-Annessi III sa VII ta' dawn ir-regolamenti. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li dawk il-laboratorji li jużaw metodi oħra jagħtu riżultati komparabbli.

(2) L-awtorità għandha tiżgura li l-*containers* użati għall-ġarr tal-kampjuni, l-aġenti jew il-metodi użati biex jiġu ppreservati parti minn kampjun bil-għan li ssir l-analiżi ta' xi parametru wieħed jew aktar, it-trasport u l-ħażna ta' kampjuni u l-preparazzjoni tagħhom għall-analiżi, jkunu tali li ma jeffettwawx b'mod sinifikattiv ir-riżultati analitiċi.

Parametri addizzjonali.

19. Għall-osservazzjoni u s-sorveljar ta' kull ambjent milquta, l-awtorità kompetenti tista', f'kull waqt, tistabbilixxi parametri oħra b'żieda ma' dawk stabbiliti f'dawn ir-regolamenti.

Rapport mill-awtorità kompetenti.

20. (1) L-awtorità kompetenti għandha thejji rapport li jkun fih id-dettalji ta' l-operazzjoni ta' osservanza u sorveljar magħmula mill-korpi maħtura skond is-subregolament (2) tar-regolament 9 ta' dawn ir-regolamenti. Dawn id-dettalji għandhom ikunu jinkludu, fir-rigward ta' kull ambjent milqut, l-informazzjoni li ġejja:

(a) deskrizzjoni tal-punt minn fejn jittieħed il-kampjun, inklużi l-karatteristiċi permanenti li jkollu, li jistgħu jingħataw numru ta' kodiċi, u informazzjoni oħra amministrattiva u ġeografika. Din l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta darba biss meta jiġi magħżul il-punt mnejn jittieħdu l-kampjuni;

(b) deskrizzjoni tal-metodi ta' teħid ta' kampjuni wżati;

(ċ) ir-riżultati tal-kejl tal-parametri li d-determinazzjoni tagħhom hija waħda mandatorja u, meta l-awtorità kompetenti tkun tqis li dan ikun bżonnjuż, ukoll ta' dawk il-parametri li jistgħu jiġu determinati b'għażla;

(d) il-metodi ta' kejl u ta' analiżi wżati u, fejn ikun meħtieġ, il-limitu ta' investigazzjoni, korrettezza u preċiżjoni tagħhom;

(e) it-tibdil, adottat skond is-subregolament (3) tar-regolament 17 ta' dawn ir-regolamenti, fil-frekwenza tat-teħid u analiżi tal-kampjuni.

(2) L-ewwel rapport għandu jitħejja waqt it-tielet sena li tiġi wara d-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti.

Non applikabilità ta' dawn ir-regolamenti.

21. Id-disposizzjonijiet tar-regolamenti 14 sa 21 ta' dawn ir-regolamenti m'għandhomx japplikaw fil-każ ta' għargħar jew diżastri naturali jew f'każ ta' kondizzjonijiet eċċezzjonali tat-temp.

Konsultazzjoni ma' Stati oħra nvoluti.

22. Fejn l-eliminazzjoni ta' l-iskart tkun teħtieġ li, skond is-subregolament (1) tar-regolament 6 ta' dawn ir-regolamenti, l-awtoritajiet kompetenti ta' iktar minn Stat wieħed għandhom joħorġu awtorizzazzjonijiet bil-quddiem, l-awtorità kompetenti għandha tikkonsulta lil Stati oħra involuti fuq il-kontenut u l-implementazzjoni tal-programm ta' sorveljanza.

Programmi għat-tnaqqis u l-eliminazzjoni eventwali ta' tniġġis minn stabbilimenti industrijali eżistenti.

23. Għall-fini tar-regolamenti 23 u 24 ta' dawn ir-regolamenti:

(a) fejn jintuża l-proċess ta' sulfat-

(i) il-frażi "skart solidu" tfisser:

(a) ir-residwi tal-metall mhux maħdum li ma jitfarrkux bl-aċidu sulforiku waqt il-proċess ta' manufattura,

(b) vitrijol aħdar, jiġifieri sulfat ta' metall kristallin li fih il-ħadid ($FeSO_4 7H2O$),

(ii) il-frażi "skart ta' aċidu konċentrat" tfisser l-likwuri materni li jidderivaw mill-fażi ta' filtrazzjoni li tiġi wara l-idrolisi tas-soluzzjoni tas-sulfat tat-titanju. Jekk dawn il-likwuri materni jiġu assoċjati ma' skart ta' aċidu fjakk li b'kollox jkollu fih aktar minn 0.5% aċidu sulforiku liberu u diversi metalli tqal, il-likwuri u l-iskart meħudin flimkien għandhom jitqiesu bħala skart ta' aċidu konċentrat,

(iii) il-frażi "skart trattat" tfisser l-imluħa prodotti mill-filtrazzjoni, kull tip ta' ħama u likwidu li jirriżulta mit-trattament (konċentrazzjoni jew newtralizzazzjoni) ta' skart ta' aċidu konċentrat u li jkun fih diversi metalli tqal, iżda li ma jinkludix skart newtralizzat u ffiltrat jew skart imferra' li jkollu fih biss traċċi ta' metalli tqal u li, qabel kull proċess ta' diluzzjoni, ikollu valur pH ta' aktar minn 5.5,

(iv) il-frażi "skart ta' aċidu fjakk" tfisser kull ilma tal-ħasil, ilma għat-tkessiħ, kondensati u kull tip ta' ħama u skart

likwidu, għajr dawk inklużi fit-tifsiriet hawn qabel mogħtija, li jkun fihom 0.5% jew anqas ta' aċidu sulforiku liberu,

(v) il-frażi "skart newtralizzat" tfisser kull likwidu li jkollu valur pH ta' aktar minn 5.5, jkun fih biss traċċi ta' metalli tqal, u li jinkiseb direttament mill-filtrazzjoni jew mit-tferrigħ minn skart ta' aċidu konċentrat jew fjakk wara li jiġi ttrattat biex titnaqqaslu l-aċidità u l-kontenut ta' metalli tqal li jkollu,

(vi) il-frażi "trab" tfisser kull tip ta' trab minn impjanti ta' produzzjoni u b'mod partikolari minn metal mhux maħdum u minn trab tal-pigment,

(vii) il-frażi "SOx" tfisser id-dijossidu u t-trijossidu tas-sulfat gassużi li jiġu rilaxxati waqt id-diversi stadji tal-proċessi ta' manufattura u trattament ta' skart intern, inkluż il-qtar ta' l-aċidu;

(b) fejn jintuża l-proċess tal-klorin-

(i) il-frażi "skart solidu" tfisser:

(a) residwi ta' metalli mhux maħduma li ma jinħallux, li ma jkunux tfarrku mill-klorin waqt il-proċess ta' manufattura,

(b) kloruri ta' metalli u idrossidi metalliċi (sustanzi għall-filtrazzjoni), li jiġu prodotti f'għamla solida waqt il-manufattura tat-titanju tetrakloridu,

(ċ) residwi ta' faħam tal-kokk li jiġu prodotti mill-manufattura tat-titanju tetrakloridu,

(ii) il-frażi "aċidu konċentrat ta' l-iskart" tfisser skart li jkun fih aktar minn 0.5% aċidu idrokloridu liberu u diversi metalli tqal,

(iii) il-frażi "skart ġej minn trattament" tfisser l-imluħa prodotti mill-filtrazzjoni, kull tip ta' ħama u skart likwidu li joriġina mit-trattament (konċentrazzjoni jew newtralizzazzjoni) ta' skart ta' aċidu konċentrat u li jkun fih diversi metalli tqal, iżda ma jinkludix skart newtralizzat u ffiltrat jew mferra' li jkun biss fih traċċi ta' metalli tqal u li, qabel ma jkun ġie dilwit, ikollu valur pH ta' aktar minn 5.5,

(iv) il-frażi "aċidu fjakk ta' skart" tfisser kull ilma tal-ħasil, ilma għat-tkessiħ, kondensati u kull tip ta' ħama u skart likwidu ieħor, għajr dawk inklużi fit-tifsiriet hawn qabel mogħtija, li jkun fihom 0.5% jew anqas ta' aċidu sulforiku liberu,

(v) il-frażi "skart newtralizzat" tfisser kull likwidu li jkollu valur pH ta' aktar minn 5.5, li jkun fih biss traċċi ta' metalli tqal, u li jinkiseb direttament mill-filtrazzjoni jew mit-tferrigħ minn skart ta' aċidu konċentrat jew fjakk wara li jiġi ttrattat biex titnaqqaslu l-aċidità u l-kontenut ta' metalli tqal tiegħu,

(vi) il-frażi "trab" tfisser kull tip ta' trab minn impjanti ta' produzzjoni u b'mod partikolari minn *ore* u minn trab tal-pigment,

(vii) il-frażi "klorin" tfisser klorin fil-forma ta' gass li joħroġ fid-diversi stadji tal-proċess ta' manufattura;

(ċ) meta jintuża l-proċess ta' sulfat jew il-proċess ta' klorin, il-frażi "skargar" tfisser kull rimi deliberat li jsir fl-ilma tal-wiċċ fuq l-art, fl- ilma kostali intern, fl-ibħra territorjali jew fl-ibħra bejn sema u ilma, ta' kull sustanza u materjal bi jew minn bastimenti jew ajruplani.

Projbizzjoni ta' skargar ta' skart.

24. L-iskargar ta' skart solidu, skart ta' aċidu konċentrat, skart prodott minn trattament, skart ta' aċidu fjakk, jew skart newtralizzat, kif imsemmi fir-regolament 23 ta' dawn ir-regolamenti, hu projbit mid-data meta dawn ir-regolamenti jidħlu fis-seħħ.

Reati taħt dawn ir-regolamenti.

25. Persuna tkun ħatja ta' reat kontra dawn ir-regolamenti jekk:-

(a) tonqos milli tħares xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew xi ordni leġittimament mogħtija skond xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti; jew

(b) tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn jew taħt dawn ir-regolamenti; jew

(ċ) taġixxi bi ksur ta' xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti; jew

(d) tassoċja ruħha jew tittanta tassoċja ruħha ma' xi persuna, jew tgħin, jew tħajjar, lil xi persuna oħra b'liema mezz ikun, inkluż ir-reklamar, l-għoti ta' pariri jew il-ħlas ta' flus biex tikser id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jew biex tonqos milli

thares xi disposizzjoni tagħhom, inkluża kull ordni mogħtija leġittimament skond xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, jew biex tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn jew taħt dawn ir-regolamenti.

Pieni.

26. Min jagħmel reat kontra dawn ir-regolamenti jista', meta jinsab ħati, jeħel:

(a) meta jinsab ħati għall-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn ħames mitt lira iżda mhux iżjed minn elf lira;

(b) meta jinsab ħati għat-tieni darba jew aktar drabi, multa ta' mhux anqas minn elf lira iżda mhux iżjed minn elfejn lira, jew għal priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn, jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien:

Iżda meta persuna tinsab ħatja li tkun għamlet reat taħt dawn ir-regolamenti bl-użu ta' vettura, sid dik il-vettura, meta dan ikun japplika, jkun responsabbli bl-istess mod u fl-istess qies:

Iżda wkoll il-qorti għandha tordna lil persuna li tkun insabet ħatja li għamlet reat kontra dawn ir-regolamenti tħallas għall-ispejjeż imġarrba mill-entitajiet pubbliċi u/jew persuni oħra mqabbda minnhom involuti fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti, u biex tiġi rranġata l-ħsara kkawżata lill-ambjent b'riżultat ta' dak ir-reat, ir-revoka tal-permess maħruġ mill-Pulizija u l-konfiska tal-*corpus delicti*.

Applikabilità tal-Kodiċi Kriminali. Kap. 9.

27. (1) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 23 u s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 30 tal-Kodiċi Kriminali għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw għal proċedimenti dwar reati kontra dawn ir-regolamenti, b'dan illi l-iskwalifika milli persuna jkollha jew tikseb liċenza, permess jew awtorità m'għandha f'ebda każ tkun għal inqas minn sena.

(2) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali, il-proċedimenti dwar reat kontra dawn ir-regolamenti għandhom isiru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skond ma jista' jkun il-każ, u għandhom ikunu skond id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jirregolaw il-proċedura quddiem dawk il-qrati bħala qrati ta' ġudikatura kriminali.

(3) Minkejja d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali għandu dejjem ikollu dritt ta' appell quddiem il-Qorti

ta' Appell Kriminali minn kull sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) dwar proċedimenti għal xi reat kontra dawn ir-regolamenti.

Lingwa ta' l-Annessi.

28. L-Annessi I sa VII li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti qegħdin jiġu ppubblikati fil-lingwa Ingliża flimkien mat-test Ingliż ta' dawn ir-regolamenti.